BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 40**

**IT-TNEJN 26 TA' MARZU, 2012**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu, 2012, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħames Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Assenti: Il-Viċi Sindku Alison Zerafa Civelli u l-Kunsillier James Cauchi

**AĠENDA**

1. Rapport ta' Laqgħa ma' Dr. Luciano Busuttil (pariri legali)
2. Talba għal Għajnuna għal Proġett Artistiku u Kulturali 'Din Mhix Tazza'

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**40/01** **<u>RAPPORT TA' LAQGĦA MA' DR. LUCIANO BUSUTTIL (PARIRI LEGALI)</u>**

40/01/01 Is-Sindku qara r-rapport tal-laqgħa ma' Dr. Luciano Busuttil li saret nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu, 2012 fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali (kopja mehmuża).

40/01/02 Is-Sindku issekondat minn Roderick Mamo ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-pariri ta' l-avukat Dr. Luciano Busuttil.

40/01/03 Il-Kunsill unanimament approva li jimxi skont il-pariri ta' Dr. Luciano Busuttil.

**40/02** **TALBA GĦAL GĦAJNUNA GĦAL PROĠETT ARTISTIKU U KULTURAL 'DIN MHIX TAZZA'**

40/02/01 Id-Dottoressa Virginia Monteforte ġiet mitluba tagħti aktar informazzjoni rigward ir-rikjesta tagħha li hi bagħtet b'ittra datata 29 ta' Frar, 2012. Wara li hi spjegat fid-dettall, talbet ukoll ittra uffiċjali tal-Kunsill li jikkonferma l-għajnuna tiegħu:

(a) Li joffri spazju biex isiru konferenza stampa u workshops għal xi 20 persuna.
(b) Li ma joġġezzjonax għall-bejgħ ta' mapep
(c) Li joffri sapport mal-media lokali
(d) Li jippermetti użu ta' spazji pubbliċi f'Bormla.

40/02/02 Wara votazzjoni, il-Kunsill approva unanimament.

Fis-7.00pm, l-agenda ġiet eżawrita u l-Kunsill ġie nfurmat li fil-11 ta' April, 2012, is-Sindku se jiffirma l-kuntratt ma' l-Awtorita' tad-Djar dwar ix-xogħlijiet li se jsiru madwar il-Kappella ta' San Ġwann t'Għuxa.

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv

## Gatt Ramona at DLG

**From:** Dr. Luciano Busuttil B.A., LL,D, M.P. [lucio74@onvol.net]
**Sent:** Il-Ħamis, 22 ta' Marzu 2012 16:55
**To:** Cospicua Local Council at DLG
**Subject:** Re:Minuti

Confirmed

Sent from Samsung Mobile

Cospicua Local Council at DLG <bormla.lc@gov.mt> wrote:

Dr. Busuttil,

Qed nibghatlek kopja tal-minuti li ha s-Segretarju Ezekuttiv tal-laqgha li kelna dalghodu. Gentilment nitolbok tikkonferma l-korrettezza taghhom sabiex jigu prezentati fil-laqgha tal-Kunsill b'urgenza msejha ghal nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu, 2012,

Grazzi bil-quddiem

Brian

Kunsill Lokali Bormla

2A, The Rest,

St. Margaret Square

Cospicua BML 1202

Tel: 21 663030 / 21 665337

Fax: 21 672222

email: bormla.lc@gov.mt

RECEIVED
22 MAR 2012
Reg: 05/1588/12
CONFIRMED SEEN
MAYOR:
EXEC. SEC.:

## Gatt Ramona at DLG

| | |
|---|---|
| **From:** | Loffreda Brian at DLG on behalf of Cospicua Local Council at DLG |
| **Sent:** | Il-Ħamis, 22 ta' Marzu 2012 16:26 |
| **To:** | 'Dr. Luciano Busuttil B.A., LL.D, M.P.' |
| **Subject:** | Minuti |
| **Attachments:** | Minuti - Luciano Busuttil.docx |
| **Importance:** | High |

Dr. Busuttil,
Qed nibghatlek kopja tal-minuti li ha s-Segretarju Ezekuttiv tal-laqgha li kelna dalghodu. Gentilment nitolbok tikkonferma l-korrettezza taghhom sabiex jigu prezentati fil-laqgha tal-Kunsill b'urgenza msejha ghal nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu, 2012,
Grazzi bil-quddiem
Brian

Kunsill Lokali Bormla
2A, The Rest,
St. Margaret Square
Cospicua BML 1202
Tel: 21 663030 / 21 665337
Fax: 21 672222
email: bormla.lc@gov.mt

**Minuti tal-laqgha ma Dr. Luciano busuttil li saret il-Hamis 22 ta' Marzu, 2012 fil-11.30am fl-ufficini tal-Kunsill Lokali Bormla.**

**Prezenti**

- Is-Sindku is-Sur Joseph Scerri
- Il-Kunsillier is-Sur Roderick Mamo
- Is-Sur Brian Loffreda
- Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Joseph Caruana

**Agenda**

1. Appell – Gafa Saveways vs Kunsill Lokali Bormla
2. Appell – ELC vs Kunsill Lokali Bormla
3. Trenching Works – Silvar Construction
4. Triq 8 ta' Dicembru

**1. Appell – Gafa Saveways vs Kunsill Lokali Bormla**

L-Avukat Dr. Luciano Busuttil gie prezentat bis-sentenza ta' dan l-appell kif ukoll xi dokumenti ohra relatati mal-kaz.

L-Avukat qal li m'hemmx talba fl-appell biex Gafa Saveways jinghata lura il-kuntratt tat-tindif u ghaldaqstant il-Kunsill jista johrog tender gdid.

**2. Appell – ELC vs Kunsill Lokali Bormla**

Wara li l-avukat inghata l-file tal-korrispondenza dwar l-appell tal-ELC, hu qalilna li jekk b'xi mod il-Kunsill naqas li nikwotaw il-klawsola li xhar qabel giet mibdula b'legal notice ; l-ELC naqas ukoll li jaghmel id-depositu addattat kif konformi bil-ligi /legal notice.

Ghaldaqstant l-Avukat irrakkomanda li nitolbu s-sentenza tal-Bord tal-Appell li mhux se jikkunsidra l-appell.

**3. Trenching Works – Silvar Construction**

L-Avukat qara r-rapport ippreparat mis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-kaz u qal li ghall-fini ta' dan il-kaz ir-rati tal-kuntratt ghandhom jigu applikati.

Ghaldaqstant l-Avukat talab lill-Kunsill biex jitlob lill-Contracts Manager il-Perit William Lewis ir-rendikont (workings) tax-xogholijiet li saru mis-Silvar Constructions biex tigi mehmuza mac-certifikat mahrug mill-Contracts Manager.

**4. Triq 8 ta' Dicembru**

Il-Kunsill ikkonferma lill-Avukat li ahna ma gejniex infurmati mill-MEPA dwar l-applikazzjoni ghall-izvilupp.

Appena l-Kunsill sar jaf b'din l-applikazzjoni mir-residenti li gew il-Kunsill biex jiprotestaw, il-Kunsill baghat oggezzjoni ufficjali lill-MEPA minkejja li z-zmien tal-protest kien diga skada.

L-Avukat irrakomanda li naghmlu mandate ta' inibizzjoni u prostest gudizzjarju fuq it-tkomplija tal-progett.

Ghaldaqstant is-Sindku is-Sur Joseph Scerri ta struzzjonijiet biex tissejjah laqgha b'urgenza tal-Kunsill ghal nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu, 2012 fis-6.30pm